MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 36 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' Gunju 2012 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

36.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 35 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

36 .2 Arising Out ma kienx hemm

36.3 Korrispondenza batch 54 u 55

36.3.1 Talba minghand is-Sur Joseph Mallia ghal permess sabiex jkun jista jidhol bil-vettura gewwa l-Imdina. It-Talba giet michuda.

36.3.2 Ittra minghand il-MUESEC dwar harga ghal proposti ta'progett taht il-fondi tal-UE tal-ERDF dwar l–energija. Minhabba li ma kienx hemm ko-finanzjament il-Kunsill ma kienx f'posizzzjoni li jikkonsidra li jippartecipa f'din is-sejha

36.3.3 Kellna proposta u giet approvata sabiex nippartecipaw fil-Yellow Pages Eletronici li ser jigu fuq il-web dalwaqt.

36.3.4 Talba mis-Sur Engilberth Grech sabix jkun jistgha jigbed Film gewwa l-Imdina. Minhabba n-natura tal-Film kif ukoll ma kienx hemm bzonn li jinghalqu toroq jew xi zoni waqt il-gbid tal-Film, il-Kusill qabel li jaghti permess.

36.4 Harga Kulturali

36.4.1 Saret diskussjoni dwar Harga Kulturali ghar-Residenti. Kien hemm qbil sabiex norganizzaw harga fit-30 ta' Gunju u nzuru il-War Museum jew minhabba li tista tkun shana naghmlu gita fuq Dghajsa ghal Kemuna. PS kellhu jigbor il-prezzijiet

36.5 Risposta ghal Managemnet Letter

36.5.1 PS ipprezenta ittra bhala risposta ghal Management Letter mahruga mill-Awdituri tal-Kunsill fuq ir-rapport Finanzjarju tal 2011. Din l-ittra giet approvata.

36.6 Jum l-Imdina

36.6.1 Saret diskussjoni dwar Jum l-Imdina li jigi celebrat fit-02 ta' Settembru. Kien hemm qbil li norganizzaw BBQ ghal din l-okkazzjoni

36.6.2 Il-BBQ ser isir nhar il-Gimgha 31 ta' Awwissu fi pjazza Mesquita. Kellha tiinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet minghand Caterers

36.7 CCTV Cameras fi Greeks Gate

36.7.1 PSM qal li kien hemm talba min diversi residenti sabiex jigu installati CCTV camera gewwa Greek Gate fin-naha ta' Barra. Kien hemm qbil li minhabba l-ispejjes involuti ghandna nigbru xi kwotazzjonijiet qabel nikkunsidraw li ninstallaw cameras .

36.8 Affarijiet ohra meqjusa urgent

36.8.1 JD u FA ser jirraprezentaw lil Kunsill waqt il-Festival Medieval li ser isir f'Kekeva , Latvia . Huma ser jakkompanjaw grupp ta' re-enactors li ser jmorru ghal dan il-Festival. L-istedina giet mill-Municipju ta' Kekeva. L-spejjez tal- vjagg u l-ospitalita ser tigi koperta sostanzjalment min fondi tal UE.

36.8.2 Qbilna li niktbu ittra lil Kapitlu tal-Kattidral sabiex jsir ix-xoghol ta' tiswija fuq il-bankina li hemm biswiet il-Kattidral. Din il-bankina kienet tkissret mit-trakkijiet li kienu qed jaghmlu xoghol fuq il-Kattidral. Issa li dan ix-xoghol waqaf , il-Kapitlu ghandu jara li t-tiswijeit issiru.

36.8.3 PSM u PS infurmaw lil Kunsill dwar laqgha li kellhom ma Sijorina Erika Falzon li qed tipproponi li jsir xoghol ta' restawr fuq wahda mill-pitturi ta' Mattia Preti li hemm fil-Katedral. Dan bhala parti mill-celebrazzjonijiet mill-Anniversarju mit-twelied tieghu

36.9 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 6/12

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |